**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Emanuel Debrincat ta' 16-il sena bin Francis Xavier u Doris nee Xerri li joqghod 'Fil-Hemda', Triq Dun Alwig Mizzi, Gharb, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 40784(G)**

Illum 12 ta' Dicembru 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fit-30 ta' Lulju 2001, ghall-habta tal-00.10a.m.fi Triq l-Isptar San Giljan, Fontana, Ghawdex, (1) saq pick up trakk numru EBB 442 minghajr licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni ghar-riskji tat-terzi persuni, (2) aktar talli fl-istess data, hin u post ta partikularijiet foloz lill-membri tal-Forzi Armati ta' Malta waqt li kienu jaghmlu dmirijiethom.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija barra l-piena stabbilita timpedixxi lill-imputat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li jidrilha xieraq l-istess Onorabbli Qorti.

Semghet l-ammissjoni;

Fuq ammissjoni ssibu hati;

Rat l-artikoli 15 (1) (a) tal-Kap 65 u 3 tal-Kap 104 u 338 (g) tal-Kap 9;

Tikkundannah ghal hlas ta' ammenda ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 37 tal-Kap 9 stante li l-imputat ghadu minorenni;

Tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur minn meta jaghlaq tmintax-il (18) sena.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur